MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2012

Numru. 323/2010

**Il-Pulizija
(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Carmelo Refalo**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni kontra 'l hawn fuq imsemmi Carmelo Refalo, bin Victor u Theresa neé Axiaq, imwieled fid-29 ta' Jannar 1975 u residenti fil-fond La Dolce Vita, Triq Santa Verna, Xaghra, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' numru 4275(G) li gie akkuzat talli nhar is-16 ta' Awwissu

2009 ghal habta ta' 16:30hrs fl-inhawi ta' Kemuna (il-Bajja ta' San Niklaw) kien qed isuq opra tal-bahar S 8017 b'aktar minn 10knots f'distanza ta' inqas minn 200 metru mill-kosta;

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

**Ikkunsidrat**

ILLI minkejja illi l-imputat ta l-verzjoni tieghu, il-Qorti ma taccettax tali verzjoni bhala wahda kredibbli. Mill-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni jirrizulta li l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat Regolamenti 25(c) u 45 u l-Ewwel Kolonna tat-Tielet Skeda tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.52 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tikkundannah multa ta' sitt mitt Euro (€ 600.00).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------